Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA) V. JAMES ZAMMIT (KI. 535884M)

(NUQQAS TAS-SID LI JKOLLU VETTURA B'LIĊENZJA TAĊ-ĊIRKOLAZZJONI VALIDA – L.S. 368.02, ART. 14(3) – IR-REAT TA' MIN IKOLLU VETTURA FIT-TRIQ MINGĦAJR LIĊENZJA TAĊ-ĊIRKOLAZZJONI VALIDA – L.S. 368.02, ART. 13(2) – PERMESS LIL PERSUNA OĦRA SABIEX TUŻA VETTURA MINGĦAJR KOPERTURA TA' ASSIGURAZZJONI DWAR RISKJI TA' TERZI – KAP. 104 ART. 3(1))

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**2 ta' Frar 2021**

IL-QORTI,

wara li kkunsidrat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra James Zammit, detentur tal-karta tal-identità numru 535884M imwieled il-Pietà u residenti 81, Triq il-Qiegħa, H' Attard ("l-Imputat" jew "id-Difiża"),

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

wara li semgħet it-trattazzjoni orali magħmula għan-nom

- tal-Prosekuzzjoni, mill-Ispettur Nicholas Vella
- tad-Difiża, mill-Avukat Dr. Lennox Vella,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-Pulizija ressqet lill-imputat bis-segwenti imputazzjonijiet:

1. Nhar id-29 ta’ Ottubru 2019 għall-ħabta ta` 20:50, bħala s-sid tal-vettura BMW bin-numru ta’ reġistrazzjoni EBC 006, naqas li jara li jkollha dejjem u f’kull żmien liċenzja ta’ ċirkolazzjoni maħruġa mill-Awtorità għat-Trasport f’Malta (L.S. 368.02, Art. 14(3));

2. Fl-istess data, ħin u ċirkostanzi ġewwa Telgħet il- Kurċifiss, Floriana, kellu vettura BMW bin-numru ta’ reġistrazzjoni EBC 006 fit-triq, kemm jekk ipparkjata, kemm jekk qed tintuża mingħajr liċenzja għaċ-ċirkolazzjoni valida, jew permess għaċ-ċirkulazzjoni validu jew diska ta’ liċenzja temporanja valida, maħruġa mill-istess Awtorità (L.S. 368.02, Art. 13(2));

3. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, uża, ġiegħel jew ħalla lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq meta għall-użu tal-vettura minn dik il-persuna ma kienetx isseħħ polza ta` assigurazzjoni dwar ir-riskji ta` terzi persuni (Kap 104 Artiklu 3 (1)).

2. Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija l-ħati jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal perjodu ta` żmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

**Provi mressqa mill-Prosekuzzjoni**

3. Fl-affidavit maħluf tiegħu, **<u>PS 674 N. Mallia</u>** jgħid li fid-29 ta’ Ottubru 2019 waqt li kien qiegħed xogħol overtime flimkien ma’ PC 250 C. Caruana Gould, PC 868 R. Psaila u PC 1399 K.S. McIntyre, innutaw vettura ġejja fid-direzzjoni kontra tagħhom, għall-ħabta tad-20:50hrs, tal-għamla BMW, misjuqa f nofs ta' triq, fi Triq It-Telgħet tal-Kurċifiss, Florlana, bin- numru tar-reġistrazzjoni EBC 006. Ix- xufier ġie nnutat ukoll juża il-mowbajl ma’ widnejh ix- xellugija tiegħu, b' hekk sarlu sinjal biex jiġi mwaqqaf u dan ipparkja b’mod oriżżontali ġo daħla ta' garaxx fl-imsemmija triq. Spjega li x- xufier, ċertu Freddie Mansueto (KI. 424779M) ġie mitkellem mill-Pulizija u meta spjegawlu l-irregolaritajiet, Mansueto waqt li kien għadu bil-mowbajl f idejh stqarr li hu ħareġ f nofs ta' triq biex ikun jista' jidħol fil-garaxx u nnega li kien fuq ii-mowbajl. Il-vettura ġiet iċċekkjata mal-*control room* tal-pulizija fejn rriżulta li kellha kemm il-liċenzja tal-vettura kif ukoll il-polza tal-assigurazzjoni mhux imħallsa. Mansueto ġie nfurmat rigward dan u waqt li prova jiftaħ il-bieba tax-xufier ġol-Pulizija li kien qiegħed ikellmu mat-tieqa, stqarr li hu għandu t-'*Trial Run’* iżda din la kienet fuqu u lanqas imwaħħla mal-vettura. Inoltre stqarr mal-Pulizija li hu għandu polza tal-assigurazzjoni biex isuq kwalunkwe karozza fi kwalunkwe

ħin iżda din ma kinietx fuqu lanqas. Ġie mitlub ukoll biex jipprovdi l-liċenzja tas-sewqan fejn din ġiet provduta minnu stess u rriżulta li kienet waħda valida. Ix-xhud kompla jispjega li l-vettura hija reġistrata fuq ċertu James Zammit KI. 535884M u li kienu ser jinħarġu l-akkużi kontra dan tal-aħħar talli ppermetta li tinstaq il-vettura mingħajr liċenzja u polza tal-assigurazzjoni. Meta Freddie Mansueto ġie nfurmat Ii ser jinħargu ukoll akkużi fil-konfront tieghu dan minn taħt l-ilsien nstema jgħid, " Issa naraw jekk nitilgħux il- Qorti". Flimkien mal-affidavit ix-xhud ehmeż ukoll ritratti tal-quddiem u wara tal-vettura li juru li din ma' kellix it-*Trial Run* plates mwaħħla.

4. Affidavits prattikament identiċi ġew ippreżentati ukoll minn **PC 250 C. Caruana Gould**, **PC 868 R. Psaila** u **PC 1399 K.S. McIntyre.**

5. Fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2020 xehed **Stephen Cachia** għan-nom tal-Awtorità dwar it-Transport f'Malta fejn qal illi mir-riċerka li għamel irriżultalu li l-vettura in kwistjoni hija rreġistrata fuq James Zammit, detentur tal-karta tal-identità numru 535884 (M) għan-nom ta' J. Zammit Limited bħala autodealer u li din ilha hekk irreġistrata fuq ismu mis-17 ta' Mejju 2019. Il-liċenzja tal-vettura skadiet fil-31 ta' Mejju 2019.

**Provi mressqa mid-Difiża**

6. Fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2020 xehed l-imputat **James Zammit** fejn *inter alia* stqarr is-segwenti:

   *"Dan l-X6 bhal hafna karozzi ohra ahna nbieghu u bhalma nbieghu lill- individwi nbieghu wkoll lil car dealers. Il- car dealer ghandu t-trial run tieghu. Ahna nkunu certi Ii meta jitlaq min ghandna jkollu t- trial run imbaghad ovvjament ahna ghandna sebat ijiem cans sakemm naghmlu t-transfer u l-maggoranza taghhom peress li ahna nkunu ghandna ma thallasnix, bhalma kien dan ii- kaz bhalma xehed, ahna nhalluhom fuq isimna sakemm nithallsu l- karozzi. Malli nithallsu, jekk nithallsu, malli nithallsu mbaghad naghmlu t- transfer."*

   Meta ġie mistoqsi mill-Prosekuzzjoni jekk huwa kienx ippermetta jew minn jeddu ta l-vettura lis-Sur Mansueto sabiex dan isuqha mingħajr l-assikurazzjoni relattiva huwa wieġeb hekk:

*"Ma tarax. Jiena cert Mansueto xtara mijiet ta' karozzi minghandna ghax jghini fl-istess hin biex inbiegh karozzi Ii nkun dahhalt bi tpartit. Qatt ma kellna problema ta' din in- natura ghaliex hu dejjem maghna bi trial run."*

In kontroeżami meta ġie mistoqsi jekk jaqbilx illi fil-ġurnata tal-allegat reat huwa kien sid il-vettura in kwistjoni huwa wieġeb hekk:

*"L- awtorita' jidher Ii l-logbook kien jghajjat lili. Ma jfissirx li kont is- sid tal- karozza le. Ghaliex fuq il- logbook ghandek miktub Ii ghalkemm ghandek il- persuna responsabbli fuq ghandek il- klawzola isfel Ii tghidlek mhux necessarjament inti s- sid tal-vettura."*

L-imputat xehed ukoll illi ma' kienux għaddew sebat ijiem minn mindu ttrasferixxa l-vettura lis-Sur Mansueto sa' dakinhar tal-allegat reat. Filfatt skond hu kienu għaddew biss xi tlett ijiem.

7. Fl-istess seduta xehed ukoll **<u>Freddie Mansueto</u>** li *inter alia* stqarr is-segwenti:

"*kelli tlett (3) karozzi I- garaxx tal- Furjana li ridt nahsilhom. Kont ilni nahseb xi siegha u nofs diga hemmhekk nahsel u x' hin gejt biex naqla' I- X6 ghax hu l- ikbar wiehed minn wara naqilghu quddiem, qlajtu, ghamiltu quddiem il- pompa tal- petrol ezatt. Hemm pompa tal- petrol hdejja. Ghamiltu quddiemi. Qlibt iz- zewg karozzi 1-ohra u hallejt wahda barra wkoll faccata tal- pulizija ghidtilhom dik tieghi wkoll. Ghidtlu dik tieghi wkoll. Qalli ma jinteressanix. Ghidtlu all right. X' hin kont diehel it-triq tax- Xatt kulhadd jaf kemm hi naqra dejqa dawk il- garaxxijiet bibien zghar u trid tiġi dritt ezatt biex tidhol b' dan 1- X6 ghax wiesa' 1- X6. X' hin kont diehel hekk giet serena, waqaf hekk, qalli ieqafhemm issuqx. Qalli inti hekk tidhol go garaxx? Ghidtlu kif tridni nidhol, mhux dritt irrid naghmlu. Ghidtlu qed tarah ezatt. Rah ghax hadu ritratt. Ircivejtu jien. Jidher 1- X6 hekk minn kullimkien. Qalli licenzja tas-sewqan. Ha niftah il- bieba biex ntih il- licenzja tas- sewqan, sabbatli l- bieba, qalli ara ma tinzilx mill- vann. U tajthom kollox. Insomma u qalli ha nharrkek ghax ghalaqt it-triq. Qalli stajt kont periklu. Ghidtlu ghalaqt it- triq mhux bil- fors irrid nidhol hekk. U hu u sejjer qalli licenzja u insurance. Ghidtlu ghandi trial run. Qalli jigifieri m' ghandikx licenzja u insurance? U l-hin insejt x' hin kien sar. Kienu qabzu 1- hamsa. Ghidtlu jien it- trial run twentyfour (24) hours*."

Mistoqsi mill-Prosekuzzjoni dwar kif il-vettura kienet ġiet għandu huwa wieġeb hekk:

*"Prosekuzzjoni: Mela din il- vettura minghand James Zammit kif xtrajtha inti?*
*Freddie Manseuto: Xi tlett ijiem jew jumejn qabel.*
*Prosekuzzjoni: Kif xtrajtha?*
*Freddie Manseuto: Kif  kifxtrajtha?*
*Prosekuzzjoni: Kif xtrajtha?*
*Freddie Manseuto: Mhux minghandu. Partattilu ma' xi karozza u kelli naghtih xi flus."*

In kontroeżami kkonferma li huwa *autodealer* (Chanlai Auto Dealer) u għandu numru ta' reġistrazzjoni tat-*Trial Run* ossia pjanċi bin-numru 479. Stqarr ukoll illi l-pjanċi tat-*Trial Run* kienu ġol-vettura tiegħu fuq is-*seat*.

**Kunsiderazzjonijiet dwar ħtija**

8. Fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat jirriżulta bla ebda dubbju li fil-ġurnata in kwistjoni u sal-ġurnata tal-lum il-vettura kienet u għada reġistrata fuq isem l-imputat għan-nom tal-kumpanija J. Zammit Ltd. Irriżulta ukoll illi l-liċenzja taċ-ċirkulazzjoni tal-vettura kienet skadiet fil-31 ta' Mejju 2019.

9. Skond l-Art. 27(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 (Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur):

   '27. (1) Kull persuna li tiftiehem li tbiegħ, jew tkun tbiegħet, ew xort'oħra tneħħi l-vettura bil-mutur tagħha, għandha, fi żmien sebat ijiem, tavża bil-miktub dwar dan lill-Awtorità, fejn tinkludi l-isem u l-indirizz tal-persuna li tixtri, jew tiftiehem li tixtri, l-imsemmija vettura bil-mutur u għandha wkoll tagħti lill-Awtorità ċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni relattiv.'

10. Imbagħad skond l-Art. 27(4) tal-istess leġislazzjoni:

   '27. (4) Il-bejgħ jew trasferiment ta' vettura bil-mutur għandu jfisser it-trasferiment tal-vettura bil-mutur iżda dak li kellu l-liċenzja qabel għandu jibqa', għall-finijiet kollha tal-liġi, responsabbli sakemm iwettaq id-disposizzjonijiet tas-subregolament (1) u l-avviż li jkun hekk ta, għandu jkun instab mill-Awtorità li jkun sew u korrett.'

11. Mill-provi rriżulta illi l-vettura baqgħet reġistrata f'isem l-imputat (għan-nom tal-kumpanija J. Zammit Ltd) u allura f'għajnejn il-liġi huwa jibqa' responsabbli għaliha. Il-kompitu tal-Qorti huwa għalhekk li tara jekk fid-29 ta' Ottubru 2019, bħala persuna li kienu għadu responsabbli għall-vettura in kwistjoni, l-imputat naqasx minn xi obbligu li timponi fuqu l-liġi. L-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet huma fis-sens illi l-imputat bħala s-sid naqas milli jara li l-vettura jkollha dejjem u f'kull żmien liċenzja taċ-ċirkolazzjoni valida u li kkommetta reat ukoll meta l-istess vettura kienet fit-triq mingħajr liċenzja ta' ċirkolazzjoni valida.

12. F'dan ir-rigward l-Artikolu 21(4)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 jgħid hekk:

    '21 (4) (a) Meta l-liċenzja ta' vettura bil-mutur li tkun ser tinbiegħ mill-ġdid tiskadi waqt li l-vettura tkun għadha fil-pussess tan-negozjant awtorizzat, il-liċenzja tista' ma tiġix imġedda sakemm il-vettura tibqa' fil-pussess tal-imsemmi negozjant:

    Iżda, dik il-vettura m'għandhiex tintuża fit-triq sakemm il-liċenzja tagħha ma tiġix imġedda.'

13. Mill-provi rriżulta minn dak li xehdu l-imputat James Zammit u Freddie Mansueto illi dawn it-tnejn jiġġestixxu negozju ta' *autodealers* u ċioe jixtru vetturi sabiex jerġgħu jsibu l-bejgħ tagħhom. Huwa veru illi dawn it-tnejn setgħu jressqu provi aħjar f'dan ir-rigward (u ċioe setgħu faċilment esebew dokumentazzjoni li turi r-reġistrazzjoni tagħhom bħala *autodealers*) però fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ma' għandiex għalfejn ma' temminx l-verżjoni, mhux kontradetta, tagħhom illi huma jiġġestixxu tali negozju.

14. Il-vettura in kwistjoni kienet fil-pussess ta' Freddie Mansueto, negozjant awtorizzat, u għalhekk diment li din baqgħet fil-pussess tiegħu u baqa' qatt ma' sab il-bejgħ tagħha, il-liċenzja taċ-ċirkulazzjoni setgħet ma' tiġġeddidx matul dan il-perjodu. Isegwi għalhekk illi l-istess japplika għall-imputat li f'għajnejn il-liġi kien u għadu responsabbli għall-vettura ġaladarba t-*transfer* uffiċjali tagħha baqa' qatt ma' ġie rreġistrat mal-Awtorità.

15. Madanakollu l-istess Art. 21(4)(a) jagħmilha ċara li l-vettura ma' tistax tintuża fit-triq sakemm il-liċenzja ma' tkunx ġiet imġedda u għalhekk filwaqt li l-ewwel imputazzjoni ma' tirriżultax, mhux l-istess jista' jingħad għat-tieni waħda peress illi tressqu biżżejjed provi li juru li fid-data, ħin u lok in kwistjoni l-vettura filfatt kienet

barra fit-triq, imqar għal ħin qasir ħafna. Huwa minnu illi l-vettura ma' kienetx qed tinstaq minnu u li kienet qed tinstaq minn Freddie Mansueto iżda fid-dawl tal-Art. 21(4)(a) fuq imsemmi l-imputat xorta jrid jerfa' r-responsabiltà' għall-akkadut.

16. Għal kull bwon fini (għalkemm f'din il-kawża ma' hemmx imputazzjonijiet f'dan is-sens) l-Qorti ma' tistax ma' tirrimarkax ukoll illi kuntrarjament għal dak li donnhom jaħsbu kemm l-imputat u kif ukoll Freddie Mansueto, il-ħruġ mill-Awtorità lil negozjant awtorizzat ta' pjanċi hekk imsejjħa "*Trial Run*" ma' jagħtix *carte blanche* lil dak in-negozjant sabiex juża l-vetturi li jkunu taħt il-pussess tiegħu fit-triq meta jrid u kif jrid sempliċiment għaliex għandu dawk il-pjanċi. Filfatt apparti li ż-żewġ pjanċi għandhom jitwaħħlu, waħda fuq quddiem u l-oħra fuq in-naħa ta' wara tal-vettura[1], dawn ma għandhomx jintużaw ħlief għal traġitt bi prova jew għal skopijiet ta' ttestjar[2].

17. Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, skond l-iżvilupp ġurisprudenzjali[3], meta persuna tkun qed issuq vettura bil-liċenzja taċ-ċirkolazzjoni skaduta imwaħħlin mal-istess vettura, il-preżunzjoni hi li tali vettura m'hijiex koperta b'polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni u għalhekk jekk l-imputat jikkontendi mod ieħor, l-oneru tal-prova jgħaddi fuqu skond l-Artikolu 3(1A) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalkemm ix-xhud Freddie Mansueto stqarr mal-Pulizija li huwa kellu kopertura tal-assikurazzjoni fuq l-imsemmija vettura, madanakollu d-Difiża ma' ppreżentat l-ebda provi f'dan ir-rigward u għaldaqstant jirriżulta għall-Qorti li tabilħaqq fid-data, ħin u lok in kwistjoni l-vettura kienet qed tiġi użata mill-istess Mansueto meta għall-użu minnu ta' dik il-vettura ma' kienx hemm fis-seħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni.

18. Madanakollu dan waħdu m'huwiex biżżejjed sabiex tinstab ħtija peress illi t-tielet imputazzjoni hija illi l-imputat ippermetta ossia ħalla lis-Sur Mansueto isuq l-istess vettura mingħajr tali kopertura. Issa meta l-imputat ġie mistoqsi fuq din l-akkuża u ċioe jekk kienx ippermetta jew minn jeddu ta l-vettura lis-Sur Mansueto sabiex dan isuqha mingħajr l-assikurazzjoni relattiva dan wieġeb le u qal illi qatt ma' kellu

---

[1] L.S. 368.03 - Art. 36(3)
[2] *Ibid* – Art. 36(7)
[3] Ara fost oħrajn **Pulizija v. Charles Galea** (Appell Kriminali Numru. 48/2007, deċiż mill-Imħallef Joseph Galea Debono fis-7 ta' Mejju 2007) u **Pulizija v. Paul Mangion** (Appell Kriminali Numru. 421/2009, deċiż mill-Imħallef Joseph Galea Debono fit-23 ta' Frar 2010)

problemi ta' dan in-natura għaliex Mansueto kien "*dejjem magħna bi Trial Run*". L-ebda negozjant ma' jkollu l-liċenzja tiegħu ta' *autodealer* mġedda sakemm ma' jkollux fost oħrajn *Trial Run Insurance Policy in vigore*. L-imputat għalhekk jagħti x'jifhem illi huwa kien qed jassumi li x-xerrej kellu kopertura darba kellu l-pjanċi tat-*Trial Run,* Issa kif diġà ingħad, peress illi d-difiża ma' ressqet l-ebda prova tal-polza tal-assigurazzjoni, il-presunzjoni hija li l-vettura kienet qed tintuża mis-Sur Mansueto mingħajr din il-kopertura. Iżda din ma' ġġibx magħha b'mod awtomatiku l-presunzjoni illi l-imputat kien ippermettilu jew ħallih isuq il-vettura meta kien jaf li ma' kellux kopertura. Il-Qorti ma' tarax kif tista' ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni meta dan kien taħt l-impressjoni raġjonevoli illi l-xerrej kellu kopertura tal-assigurazzjoni valida. Huwa vera li jista' jiġi argumentat illi l-imputat messu kien ftit iżjed diliġenti billi jassigura ruħu illi l-liċenzja tas-Sur Mansueto bħala *autodealer* (u allura l-polza tal-assigurazzjoni relattiva) kienet għadha *in vigore.* Iżda l-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni illi miżura bħal din mhux bilfors hija waħda prattika f'kuntest ta' negozju bejn żewġ *autodealers* li abitwalment jinnegozjaw l-bejgħ u tpartit tal-vetturi lil xulxin sabiex dawn jinbiegħu lil terzi. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk ma' tkunx ġustizzja li l-imputat jiġi misjub ħati ta' dan ir-reat.

**Piena għall-ħtija fuq it-tieni imputazzjoni**

19. Kif diġà ingħad il-Qorti issib li l-imputat tabilħaqq huwa ħati tal-imputazzjoni li kellu vettura **<u>fit-triq</u>** mingħajr liċenzja għaċ-ċirkolazzjoni valida. Issa għalkemm il-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 tipprovdi għal penali meta *si tratta* ta' sewqan ta' vettura li ma' jkolliex liċenzja (f'liema każ il-penali tkun dik ta' mhux aktar minn €235 jew priġunerija għal żmien mhux aktar minn tlett xhur[4]) u għas-"<u>sewqan jew tħallija"</u> fit-triq ta' vettura mingħajr ma' jkollha l-liċenzja mwaħħla mal-*windscreen* (multa ta' €25), madanakollu din ma' tipprovdix għal penali meta vettura tkun **<u>tħalliet</u>** fit-triq mingħajr liċenzja. Għalhekk il-Qorti ma' tistax tinfliġġi piena fuq l-imputat għal dan ir-reat.

**Deċiżjoni**

20. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet, issibu ħati tat-tieni imputazzjoni (L.S. 368.02, Art.**

---

[4] L.S. 368.02 - Art. 44(7)(a)

**13(2)) iżda ma' tinfliġġix piena stante illi l-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 ma' tipprovdix għal dan.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y. M. Pace |
| Maġistrat | g/Dep. Reġistratur |